VALLETTA
*Città Umilissima*
KUNSILL LOKALI VALLETTA

# Rapport Finanzi 2020

Dan ir-rapport qed isir bil-ghan li jaghmel analizi tal-allokazzjoni finanzjarji li tigi mghoddija lil Kunsill Lokali tal-Belt Valletta skont it-termini tal-Att dwar il-Gvern Lokali u n-nefqa attwali tal-istess Kunsill. Dan billi ghal sena wara l-ohra l-istess Kunsill sostna li l-allokazzjoni mghoddija lil Belt Kapitali ma tistax tieqaf mal-formola stabbilita fl-Att billi l-Belt:

- Ghandha popolazzjoni ta' haddiema li ta' kull jum jahdmu f'Dipartimenti, Ministeri, agenziji pubblici u privati, ufficini kif ukoll hwienet kummercjali
- Ammont konsiderevoli ta' hwienet li minnhom il-Maltin jidhlu l-Belt sabiex jaghmlu x-xiri taghhom minnhom
- Ghandha ammont kbir ta' ristoranti u bars li allura jgibu maghhom ammont iehor ta' nies lejn il-Belt fil-hinijiet ta' filghaxija
- Ammont kbir ta' attivitajiet li jsiru matul is-sena flimkien mal-festi kollha tal-Parocci li hawn fil-Belt.
- Dhul ta' kull jum ta' ammont ta' turisti sew bil-cruiseliners kif ukoll ohrajn li jkunu fuq btala f'Malta

Dawn ic-cirkostanzi ma humiex mahsuba fil-formola billi din tiffoka fuq in-numru ta' residenzi li hawn fil-lokalita biss. L-attivita kollha msemmija hawn fuq tikkontribwixxi ghal spejjez kbar addizzjonali li l-Kunsill tal-Belt Valletta ilu jghidu li mhux sostenibbli l-metodu ta' finanzjament. Kien biss fl-ahhar ftit snin li dan kien gie parzjalment rikonoxxut billi l-Kunsill inghata fond apposta bhala l-Belt Kapitali. Ammont li filwaqt li solva parti certament mhux bizejjed biex iwassal lil Kunsilli jiffunzja tajjeb.

Kif jidher fit-tabella t'hawn isfel, l-allokazzjoni skont il-formola tal-Att tlahhaq ghal € 918,314 filwaqt li l-ispiza attwali tas-sena 2019 ghall-istess perjodu kienet ta' € 1,461,952. Dan iwassal ghal zbilanc ta' €543,638

**KUNSILL LOKALI: Il-Belt Valletta (Città Umilissima)**

| **Funzjonijiet** | **Ammont Allokat 2020** | Ammont Attwali 2019 | *Differenza* |
|---|---|---|---|
| **Tisbiħ u manutenzjoni tal-Parki u Ġonna** | 28,126 | 56,812 | *-28,686* |
| **ŻID – Aġġustament fuq Tisbiħ u manutenzjoni tal-Parki u Ġonna (Jekk japplika)** | 0 | 0 | *0* |
| **Tisbiħ u manutenzjoni ta' Latrini Pubbliċi** | 25,876 | 0 | *25,876* |
| **Manutenzjoni tat-Toroq Urbani - Tiswija ta' toroq u sinjali u marki tat-traffiku** | 114,908 | 222,731 | *-107,823* |
| **Manutenzjoni tat-Toroq Mhux Urbani - Tiswija ta' toroq u sinjali u marki tat-traffiku** | 0 | 0 | *0* |
| **Manutenzjoni tat-Toroq - Knis ta' Toroq Urbani** | 173,345 | 221,237 | *-47,892* |
| **Manutenzjoni tat-Toroq - Knis ta' Toroq Mhux Urbani** | 0 | 0 | *0* |
| **Immaniġġar tal-Iskart - Ġbir ta' Skart u *Bins on Wheels*** | 253,270 | 421,434 | *-168,164* |
| **Spejjeż ta' Amministrazzjoni** | 136,755 | 452,207 | *-315,452* |
| **ŻID – Aġġustament fuq spejjeż ta' Amministrazzjoni (Jekk japplika)** | 1,419 | 0 | *1,419* |
| **Immaniġġar tal-Iskart - *Waste Tipping Fees*** | 84,615 | 87,531 | *-2,916* |
| **Fond għal Zoni Turistiċi (Jekk japplika)** | 0 | 0 | *0* |
| **Fond għall-Belt Kapitali, Ex Belt Kapitali u Ċitta** | 100,000 | 0 | *100,000* |
| **Fond ta' Aġġustament fejn il-Kunsill ġie allokat inqas allokazzjoni mill- 2019 (Jekk japplika)** | 0 | 0 | *0* |
| | **918,314** | 1,461,952 | *-543,638* |

Meta issir analizi tal-ispejjez kuntrattwali dwar l-indafa hemm deficit bejn l-allokazzjoni u l-ispejjez attwali ta’ € 216,146, l-ispejjez tal-manutenzjoni tat-toroq u li jinkludu wkoll titjieb urban hemm diskrepanza ta’ € 107,823 filwaqt ghall-ispejjez ta’ amministrazzjoni li minbarra s-salarji jinkludi wkoll l-kontirbut tal-kunsill ghal progetti kulturali hemm diskrepanza ta’ € 314,033. Dwar din tal-ahhar wiehed jista jikkonsidra li tonqos b’€ 100,00 ghal vot moghti bhala Belt Kapitali.

Fir-rigward ta’ dhul iehor, fis-sena 2019 il-Kunsill kellu dhul straordinajru ta’ €424,995 u dan kien id-doppju fuq is-sena ta’ qabel u dhul minimum iehor. Izda anke wiehed wiehed jassumi li l-Kunsill se jerga jdahhal dan l-ammont, jibqa b’deficit ta’ € 109,747 jew ahjar iktar minn 10% mill-allokazzjoni. Din il-pozizzjoni anomola trid tigi indirizzata u dan peress li l-formola tal-allokazzjoni ilha b’dan l-izvantaggi kollha mal-Belt Kapitali ghal dawn l-ahhar ghoxrin sena. Dan ifisser li jekk jigi kkunsidrat deficit nett ghal kull sena ta’ €100,000, il-Belt Kapitali baghtet minn zbilanc ta’ €2,000,000!

Tajjeb jigi enfazizzat li din l-ispiza hi wahda ta’ natura ta’ operazzjoni u ma thallix lil Kunsill b’xi mod jaghmel xi investiment straordinarju fil-lokalita tieghu, ghalkemm hu wkoll rejalta li l-Gvern Centrali investa bil-Belt Valletta. Izda mill-aspett ta’ sostennibilta finanzjarja ta’ entita governattiva, l-Kunsill Lokali hu zvantaggajt u f’ghajn l-Att dwar il-Gvern Lokali ma jkunx konformi mal-Ligi bil-konsegwenzi li dan igib mieghu.

Ghaldaqstant, il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta li din id-deficjenza fil-formola ghandha tigi ndirizzata minnufih u dan ghar-ragunijiet hawn fuq elenkati. Dan billi jkun hemm vot specjali ghal Kunsill Lokali li ghandu jkun mitlub lill-Ministeru tal-Finanzi u li jmur direttament biex jaghmel tajjeb ghad-deficjenzi li l-formola tal-allokazzjoni u li minhabba fiha l-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta qatt ma jista jkun finanzjarament sostenibbli.